# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## L-Għaxar LEĠISLATURA

## Laqgħa Nru. 09/2024

**Data tal-laqgħa:** 12 ta' Novembru, 2024

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 41, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fil-17.00 ta' filgħaxija.

### Preżenti:

| | |
|---|---|
| Matthew Agius Zammit | ***Sindku*** |
| Bernice Caruana | ***Viċi Sindku*** |
| Loranna Bonnici | ***Kunsilliera*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsilliera*** |

### Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Franklan Debono | ***Aġent Segretarju Eżekuttiv*** |



FD

# MINUTI

## 9.1 Qari tal-Ittri tal-Apoloġiji

9.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

## 9.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 7

9.2.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 7 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mis-Sindku Matthew Agius Zammit, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Bernice Caruana, dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mil-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 9.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 8 Laqgħa B'urġenza

9.3.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 8 (b'Urġenza) li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mis-Sindku Matthew Agius Zammit, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Bernice Caruana, dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mil-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 9.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

9.4.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit wassal il-kommunikat li fi Triq San Benedittu hemm kaxxa ta' parkeġġ blu li m'għadix tintuża.

9.4.1.1 Is-Sindku għamel kuntatt mar-resident li kien applika għal dan il-parkeġġ u r-resident qallu li kien avża l-awtoritajiet ikkonċermati biex jitneħħa; imma dan baqa' ma tneħħix

9.4.1.2 Il-membri qablu li dan għandu jsir refreshing tal-parkeġġ billi jinħoloq parkeġġ abjad adegwat.

9.4.2 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li rċieva kommunkazzjoni mil- AFM, fejn ġewwa l-barracks ta' Ħal Safi hemm siġra li qed tagħmel ħsara estensiva u din hemm bżonn li tinqala.

9.4.2.1 Is-Sindku kkommunika wkoll li ġie infurmat min-naħa tal-AFM li dawn qegħdin fi ftehim ta' proġett fejn ġa jitwaħlu 500 siġra madwar il-Barracks

9.4.2.2 Mil-kunsill kien hemm qbil unanimu li din tinqala.

9.4.3 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill ġie avviċinat biex issir By-Law rigward 'The Retention of Wild Vegetation in Rural Passages'

9.4.3.1 Is-Sindku ssuġġerixa li l-unika triq li hemm li tista taqa' taħt din il-By-law hija Triq l-Imdina. Fil- By-law għandha tiġi kkunsidrata li għandu jinqata' l-ħaxix selvaġġ wara li jkun ġie tterminat iż-żmien ta' 'Pollination'.

9.4.4 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li fuq il-problema ta' ammont ta' ħammiem u l-ħmieġ tagħhom li qed iħalli mhux biss fuq l-estetika ta' bini imma wkoll fuq is-saħħa tar-residenti.

9.4.4.1 Is-Sindku wara li ġie nfurmat mil-WBRU fuq x'passi jistgħu jittieħdu. Dan għamel pjan ta' proposta biex jilqa' l-ilemti ta' dawn ir-residenti u jisalvagwardja wkoll s-saħħa tagħhom.

9.4.4.2 Wara li semgħu l-pjan ta' proposta, il-Kunsill kollu qabel li dan jiġi ppreżentat lill- WBRU.

9.4.5 Is-Sindku Matthew Agius Zammit wassal komunikazzjoni rigward il-Project Green.

9.4.5.1 Is-Sindku flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv Franklan Debono kellhom laqgħa mal-Perita Cheryl Camilleri fejn ġie muri u diskuss il-pjanta tal-proġett u dawn kienu l-punti li ħarġu.

9.4.5.2 Is-Sindku qal li waqt il-laqgħa mal-project Green ppreżenta it-tħassib li kien hemm fuq il-parkeġġ, fejn min-naħa tagħħa l-perita qalet li dan jista' joħloq dewmien eċċessiv u l-ammont ta'parkeġġ li jista' l-iktar jingħata kien forsi ta' żewġ spazji.

9.4.5.3 Minħabba l-appoġġi kien hemm ukoll diskussjoni fejn il-perita qalet li bejn is-siġar u bejn il-bini ħa jkun hemm barriers kif ukoll ġajkun hemm 'Root Barriers' biex l-appoġġi jiġu salvagwardjati.

9.4.5.4 Ħaġa oħra li ġiet diskussa kienet li s-siġar ħa jitresqu madwar żewġ metri lura min kif inhua prpost biex jekk ikun hemm xi arranġamenti li jsiru fit-Triq Nerik Scerri dan ikunjista' jsir mingħajr ma' jinħoloq inkonvenjent ieħor

9.4.6 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li waslet kommunikazzjoni mid-Dipartiment rigward Espressjoni ta' Interess-Finanzjament Karnival 2025.

9.4.6.1 Din l-espresjsoni intogħġbot mill-Kunsill u qablu li ħa jagħtu xi ideat biex b'hekk ikun jista jibd l-proċċess ta' applikazzjoni.

9.4.7 Is-Sindku Matthew Agius informa lill-Kunisll dwar Espressjoni ta' Interess għal servizz ta' manutenzjoni minuri f'binjiet pubbliċi. Fejn ġie ssuġġerit li jsiru xi ħidmiet fil-Klabb tal-Boċċi ta' Ħal Kirkop,għax qiegħed fi stat ħażin u mhux a11essibli u lanqas jista' jintuża. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li japplika għal din l-espressjoni.

## 9.5 Parkeġġ Triq il-Ħawħ

9.5.1 Il-Sindku flimkien mal-Kunsillera irċevew bosta lemti fuq parkeġġ bl-addoċċ li qed isir fi Triq il-Ħawħ.

9.5.1.1 Ir-residenti qed jitolbu li jsiru parkeġġi adegwati biex b'hekk ma jkunx hemm pparkjar bl-addoċċ li qed joħloq inkovenjent lir-residenti tal-akkwati.

9.5.1.2 Il-Kunsill qabel li dan jiġi diskuss ma' Transport Mlata biex b'hekk jinħoloqu danw l-ispazji ta' parkeġġ.

## 9.6. Tweġibiet għall-mistoqsjijiet tal-kunsilliera

9.6.1 Il-Kunsillera ma' kellhom l-ebda misqtoqsijiet li riedu jiġu mwieġba

.

## 9.7 Tiżjin u dekorazzjonijiet tal-Milied

9.7 .1 Il-Viċi Sindku Bernice Caruana resqet ħsieb fuq it-tiżjin u d-dekorazzjonjiet tal-Milied, biex dawn jiġu estiżi wkoll għal Triq il-Kbira.

9.7.1.1 Ġie diskuss li din is-sena hemm żmien wisq qasir biex dan iseħħ, iżda l-Kunisll xorta ħa javża min ħa jarma din is-sena biex jaraw jistgħux.

## 9.8 Evening Classes

9.8.1 Il-Kunsilliera Loranna Bonnici fuq interess mir-residenti waslet domanda biex il-Kunsill jikkunsidra jibda evening classess fl-artiġjanar, ECDL u anke kif jintużaw apparti elettroniċi ta' Social Media.

9.8.1.1 Il-kunsillera qablu bejniethomli jsaqsu lir-rappreżentati tar-Reġjun biex jigwidaw kif dan jista' jsir.

## 9.9 Ilmenti

9.9.1 Il-Kunsilliera Loranna Bonniċi waslet lment dwar il-parkeġġ fi Triq San Benedittu fejn ġie s-suġġerit li l-ħaddiema tal-Kunsill jieħdu miżuri ta' parkeġġ li hem diġa' u jagħmlu ieħor bl-istess dimensjoni.

9.9.2 Il-Kunsilliera Loranna Bonniċi waslet lment Triq Nejder, fejn hemm resident u peress li jipparkjaw faċċata tal-garaxx tiegħu, dan qed joħloq inkonvenjent għalih biex ikun jista' joħroġ mill-garaxx.

9.9.2.1 F'dan ir-rigward l-Kunsill qabel li jsir refreshing tal-'yellow lines' li hemm faċċata ta' dan il-garaxx u jsir iktar infurzar min-naħa tal-puluzija.

9.9.3 Il-Kunsilliera Loranna Bonniċi wasalha lment fuq l-ATM tal-HSBC li piet irranġatha imma xorta mhux qed taħdem. Fuq dan ir-rigward is-SIndku qabel li ħa jitkellem ma' min hu kkonċernat.

9.9.4 Il-Kunsilliera Loranna Bonniċi waslet lment fejn fi Triq Dun Ġużżepp hemm 'bind spot' fejn iżomm ħafna ilma u t-tfal mir-raħal jużaw il-grawnd; fejn

hemm il-culverts qed iżomm ammont kbir ta' ilma. Ġie ssuġġerit li jsir kommunikazzjoni mal-Cleansing biex dawn jiġu mnadfa.

9.9.5 Ilment ieħor li wasal mingħand il-Kunsillera Loranna Bonniċi hija li fi Triq San Nikola hemm xi bankini li mhux fi stat tajjeb. Is-Sindku qal li kellu kommunikazzjoni li peress li ħa jaqilgħu t-triq it-tul kollu, meta ħa jsir ix-xogħol tat-triq ħa jieħdu ħsieb l-bankini.

9.9.6 Il-Kunsillera Ritienne Caruana waslet lment fejn fi Triq l-Industrija, il-bankina tal-ġenb hemm ħafna ħaxix mal-bankini u dan ikun ta' xkiel għal min ikun qed jimxi hemm. Bi qbil il-kunsill issuġġerixa li jsir tindif mil-ħaddiema tal-kunsill.

9.9.7 Resident wassal lment mal-kunsillera Ritienne Caruana biex bi qbil mal-ġarr tiegħu jmexxi l-lampa li hemm mal-faċċata tiegħu għal mal-faċċata tl-ġarr tiegħu. Il-Kunsill qabel li jaraw l-ispiża kemm tiġi, imbagħad titieħed deċizjoni minn hemm.

9.9.8 Is-Sindku Matthew Agius Zammit wasalu lment, fejn hemm żewġ familji li joqogħdu Triq Nerik Scerri fejn quddiemhom iżomm ammont eċċessiv ta' ilma. Il-Kunisllier Joseph Schmebri qal lil dik it-Triq ilha skeduta ġafna biex issir u qatt ma sar xejn fuqha. Il-Kunisll qabel li jingħata ftit konkos min-naħa tal-Kunsill.

## 9.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;

9.10.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nr 154 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

9.10.2 Is-Sindku Matthew Agius ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 155 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsilliera Bernice Farrugia, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 9.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

7.12.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

9.11.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 16 ta' Diċembru, 2024 fil-17:00hrs.

9.11.3 Il-laqgħa ntemmet fit-19:45hrs.

**Mozzjoni Ref:** 01/24/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 156 tiġi approvata.

**Proponent**
Matthew Agius Zammit

**Sekondant**
Bernice Caruana

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data:** 12 ta' Novembru, 2024

Sa. Franklan Debono
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 02/24/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex jiġu approvati l-minuti tas-seduta 7

**Proponent**
Matthew Agius Zammit

**Sekondant**
Bernice Farrugia

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data:** 12 ta' Novembru, 2024

Franklan Debono
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 03/24/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex l-Kunisll japplika għall- Espressjoni ta' Interess għal servizz ta' manutenzjoni minuri f'binjiet pubbliċi

**Proponent**
Matthew Agius Zammit

**Sekondant**
Loranna Bonnici

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data:** 12 ta' Novembru, 2024

Franklan Debono
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**